MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 425/2004

**Maria Assunta Zerafa, Gilbert Zerafa, Charmaine Zerafa u Malcolm Zerafa, ID Card 153051 (M), ID Card 88383 (M), ID Card 507085 (M) u ID Card 389777 (M) rispettivament.**

**vs**

**Freeport Terminal (Malta) plc (C 9984), it-Tabib Principali tal-Gvern, u d-Direttur tas-Sahha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta’ Gunju 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta quddiem l-Onor Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta’ filghaxija (7.45 p.m.) waqt li Alfred Zerafa kien qieghed jaghmel xoghol fl-istiva tal-vapur *“Marchallenge”,* sorgut fit-Terminal operat mis-socjeta` konvenuta, huwa waqa’ gholi ta’ zewg *containers*.

Illi Alfred Zerafa dakinhar stess ittiehed l-isptar fejn instab isofri minn griehi ta’ natura gravi imma mhux fil-periklu tal-mewt, izda l-ghada gie ccertifikat li kien fil-periklu li jitlef hajtu.

Illi Alfred Zerafa miet nhar it-tnejn (2) ta’ Ottubru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) gewwa l-isptar San Luqa fis-saghtejn ta’ filghodu (2.00 a.m.).

Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b’negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, jew min minnhom.

Illi l-atturi kienu jiddependu *mid-decujus* u huma l-unici eredi tal-istess *decujus.*

Illi l-konvenuti gew interpellati, anke ufficjalment, sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni sofferti mill-atturi, izda baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-incident fuq deskritt li sehh fis-26 ta’ Settembru 1998 u l-konsegwenti mewt ta’ Alfred Zerafa, sehhew unikament tort u htija, b’negligenza, traskuragni u imperizja da parti tal-istess konvenuti, jew min minnhom.

2. Tillikwida, okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi kawza tal-incident fuq imsemmi.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-25 ta’ Frar 2003 kif ukoll tas-17 ta’ Settembru 2003 u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenuti jew min minnhom ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-atturi a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern datata 2 ta’ Lulju 2004 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament ir-rapprezentant giuridiku tad-Dipartiment tas-Sahha huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur tas-Sahha, u dan *ai termini* tal-**artikolu 181 B tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).**

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-atturi hija wkoll nulla *stante* ksur tal-artikolu 460 (1) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ntavolata mill-attur hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili.**

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni in kwantu diretta kontra t-Tabib Principali tal-Gvern hija nulla *stante* li ebda fatt espost fic-citazzjoni ma huwa imputabbli lil dan il-konvenut u dan bi ksur tal-artikolu 156.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ma hux legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li dan ma kienx responsabbli ghal incident deskritt mill-attur.

6. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess huwa ma jirrispondix ghad-danni reklamati *stante* li fil-konfront tieghu lanqas biss ma giet allegata ‘culpa in eligendo’.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern a fol. 11 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd. Datata 2 ta’ Lulju 2004 a fol 14 tal-process fejn esponiet:

1. Preliminarjament illi s-socjeta’ eccipjenti giet registrata fis-16 ta’ Jannar 2001 u u bdiet topera fit-*terminals* tal-Freeport fl-1 ta’ Marzu 2001 u ghalhekk m’ghandha u ma jista’ jkollha ebda relazzjoni guridika mal-atturi dwar incident li gara lill-awtur taghhom fl-1998.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-preskrizzjoni ta’ sentejn u dik ta’ hames snin *a tenur* tal-**Art. 2153 u 2154 tal-Kodici Civili (Kap. 16).**

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu, illi s-socjeta` konvenuta ma kellhiex u ma setax ikollha responsabbilta’ ghall-incident li gara fis-26 ta’ Settembru 1998 u ghad-danni konsegwenzjali.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien max-xhieda tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd a fol 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-15 ta’ Frar 2005 Dr. Aaron Mifsud Bonnici talab korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li minflok “Malta Freeport Terminals Ltd” (C-27581) jigi sostitwit bil-kliem “Freeport Terminal (Malta) plc (C-9984).

Dr. Joseph Schembri u Dr. Joseph Zammit Maempel ma oggezzjonawx ghat-talba attrici u ghal kull buon fini, f'kaz li tintlaqa' l-korrezzjoni, minn dan il-verbal jaghtu ruhhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta. Dr. Aaron Mifsun Bonnici u Dr. Schembri qablu li l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Freeport Terminal Malta plc huma dawk prezentati fit-2 ta' Lulju 2004 a fol 14 tal-process. Dehret Dr. Bridgette Gafa` ghall-konvenut fuq notati u ma opponietx ghall-korrezzjoni mitluba mill-attrici. Il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici u ordnat l-korrezzjoni kif miluba fl-okkju tac-citazzjoni. Dr. Gafa` tat ruhha b' notifikata bic-citazzjoni kif korretta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-12 ta' April 2005 Dr. Aaron Mifsud Bonnici pprezenta dokument b'nota, u l-kontro-parti qiesu bhala ufficjali d-dokumenti "A 1" u "A 3". Gew trattati l-eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Mejju 2005 ghas-sentenza preliminari.

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fil-25 ta' Mejju 2005 (fol 28) dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti fejn tali eccezzjonijiuet gew michuda.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Jannar 2006 quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi atturi *viva voce*; u l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali sabiex jirrellata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ghall dan l-iskop kellhu wkoll jisma il-provi li kien baqa'.

Rat il-verbali ts-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea flimkien mar-rapport minnu ipprezentat fir-Registru fis-6 ta' Jannar 2011 u mahluf fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 (fol 219).

Rat in-nota ghan-nomina ta' Periti Perizjuri tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc datata 17 ta' Marzu 2011 (fol. 250).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tas-17 ta' Mejju 2011 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici rrimetta ruhu ghar-rapport kif l-istess ghamel il-Prokuratur Legali Alan Scicluna ghad-Direttur Principali tal-Gvern u d-Dipartiment tas-Sahha. Il-Qorti cahdet it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri *stante* li l-punti nvoluti huma ta' natura legali u konstatazzjonijiet u apprezzament ta' provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Jannar 2012. Aktar tard deher Dr. Joseph Schembri li talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet sittin (60) gurnata millum ghall-istess bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sittin (60) gurnata min-notifika lilu ghal nota responsiva, u l-Qorti ordnat lill Dr. Joseph Schembri jinnotifika lil Dr. Aaron Mifsud Bonnici b'dan il-verbal li jidher li sar b'visto datat 21 ta' Gunju 2011 iffirmat minn Dr. Aaron Mifsud Bonnici (fol. 254).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta Freeport Terminal (Malta) p.l.c. datata 11 ta' Lulju 2011 a fol. 255 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Maria Assunta Zerafa et datata 12 ta' Settembru 2011 a fol. 261 tal-process.

Rat il-verbal datata 31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza maghmula mill-atturi bhala eredi ta' Alfred Zerafa li miet fit-2 ta' Ottubru 1998 wara incident fuq il-lant tax-xoghol meta kien fis-26 ta' Settembru waqt li kien qed jaghmel xoghol ta' *port worker* sfortunatament waqa' gholi ta' zewg kontejners, u allura l-atturi qed jitolbu l-konvenuti jew min minnhom jigu ddikkjarati responsabbli ghad-danni u ssir likwidazzjoni u kundannata hlas ta' l-istess.

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern hija li r-rapprezentant guridiku tad-Dipartiment tas-sahha huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur tas-Sahha, u dan ai termini ta' l**-artikolu 181 B tal-Kap. 12.**

Illi l-**artikolu 181B (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi: *"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."* L-**artikolu 4 tal-Kap. 64 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi l-Kap tad-Dipartiment tas-Sahha huwa t-Tabib Principali tal-Gvern.

Illi ghalhekk in kwantu diretta fil-konfront tad-Dipartiment tas-Sahha, l-konvenut f'din il-kawza (naturalment apparti l-konvenut l-iehor Freeport Terminal (Malta) plc.) huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur tas-Sahha. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern qed tigi milqugha.

Illi t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern hija li l-azzjoni ta' l-atturi hija wkoll nulla stante ksur ta' l-artikolu 460(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, izda jirrizulta li fis-

seduta tad-19 ta' Novembru 2004 it-Tabib Principali tal-Gvern irrinunzja ghal din it-tieni eccezzjoni tieghu u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi minn naha l-ohra l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) p.l.c. hija li l-istess socjeta' Malta Freeport Terminals Limited giet registrata fis-16 ta' Jannar 2001 u bdiet topera fit-terminals tal-Freeport fl-1 ta' Marzu 2001 u ghalhekk m'ghandha u ma jistgha jkollha ebda relazzjoni guridika mal-atturi dwar incident li gara lill-awtur taghhom fl-1998.

Illi permezz ta' digriet moghti nhar il-hmistax (15) ta' Frar 2005 il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni b'dan illi l-kliem 'Malta Freeport Terminals Limited (C27581)' gew sostitwiti bil-kliem 'Freeport Terminal (Malta) plc (C9984)' u kwindi din l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess Freeport Terminal (Malta) plc giet sorvolata. Ma hemmx lanqas dubju li l-istess socjeta' assumiet ukoll ir-responsabilitajiet li kellhu l-awtur taghha anke fil-konfront tar-relazzjoni taghha mad-*decujus*.

**Illi** It-tielet eccezzjoni tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Freeport Terminal (Malta) plc hija li huma qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici ai termini ta' l-**artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili.**

Illi permezz ta' sentenza preliminari moghtija nhar il-25 ta' Mejju 2005, din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri rrespingiet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern u kif ukoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc billi cahdet din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tat-Tabib Principali tal-Gvern huma dawk indikati fir-raba', l-hames u s-sitt eccezzjonijiet tieghu, fejn qed jigi eccepit li t-Tabib Principali tal-Gvern li ebda fatt espost fic-citazzjoni ma huwa imputabbli lilu; li ma kienx responsabbli ghall-

incident mertu tal-kawza; u li fil-konfront tieghu ma gietx allegata *"culpa in eligendo".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi naqsu milli jindikaw fic-citazzjoni u naqsu milli jippruvaw matul il-kors tal-kawza xi forma ta' htija, negligenza, traskuragni, imperizja u/jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti da parte tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern li b'xi mod wasslet jew ikkontribwiet ghall-mewt ta' Alfred Zerafa.

Illi ghalkemm jirrizulta illi nqalaw xi kumplikazzjonijiet waqt li Alfred Zerafa kien rikoverat fl-Isptar San Luqa u cioe' sofra *pneumathorax* (id-dhul ta' l-arja fil-kavita' toracika li twassal ghall-kollass tal-pulmun), skont l-esperti medici u forensici din il-kundizzjoni hija rikonoxxuta u relattivament komuni u giet identifikata u trattata minnufih. L-istess esperti kkonkludew illi l-imsemmi Alfred Zerafa miet b'kawza tal-griehi li garrab wara li waqa' mill-gholi u eskludew l-*pneumathorax* bhala raguni jew fattur li kkontribwixxa ghall-mewt tieghu.

Illi ghalhekk, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern huwa b'xi mod responsabbli ghall-mewt ta' Alfred Zerafa u ghaldaqstant, anke dawk l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tat-Tabib Principali tal-Gvern qed jigu milqugha.

Illi t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) p.l.c. hija fil-mertu fis-sens li hija m'hix responsabbli ta' l-incident mertu tal-kawza u ghad-danni konsegwenzjali:

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et noe"** (A.C. – 4 ta' Dicembru 1998) gie ritenut illi:-

*"Dak li hu important hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet John Sultana vs Francis Spiteri et noe, deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, min ihaddem ghandu "id-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

Illi dan il-principju gie elaborat fil-kawza fl-ismijiet **"Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited"** (P.A. (TM) – 9 ta' Ottubru 2003 fejn gie affermat illi:-

*"Hija gurisprudenza tal-Qrati taghna li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu; min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiema (ara "Bugeja vs Falzon", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997, u "Desira vs Grech & Co. Ltd", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002). Min ihaddem ghandu jinzamm responsabbli meta ma jiehux hsieb li jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem, u jrid ukoll jipprevedi u jipprovdi ghal fatt li l-haddiem ghandu tendenza li jitraskura r-riskji inerenti fix-xoghol tieghu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Schembri vs Caruana noe", deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, "wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol"; dawn huma kollha fatturi li, min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunement hu msejjah "a safe system of work".*

*Inoltre, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u ddmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu ("Cini vs Wells noe", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.*

*Fil-kuntest tal-provista ta' safety equipment, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), fil-kawza "Pulizija vs Attard", deciza fit-2 ta' Settembru, 1999, kienet osservat li min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm available dan l-apparat ta' safety, izda ghandu jinsisti mal-foreman li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' safety equipment, u jara li din l-ordni tigi segwita. Applikat*

*dan il-principju ghal mertu ta' dan il-kaz, kien dover tas-socjeta' konvenuta mhux biss li turi lill-haddiema videos fuq safety, izda li tinsisti li s-safety measures ikunu qed jigu segwiti, u tipprovdi nies mistharrga ghal tal-apposta biex jaraw li dawk il-mizuri jkunu segwiti dejjem. Kif intwera aktar 'l quddiem, hu obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi ghat-traskuragni tal-haddiema, pero', ma jistax jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "Sciriha vs O'Flaherty noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994)."*

Illi f'kawza ohra simili bhal dawk fl-ismijiet **"Joseph Cini vs George Wells et"** (P.A. (NA) – 29 ta' Mejju 2001) din il-Qorti diversament ippresjeduta sostniet li:-

*"Mill-fatti hawn fuq esposti jirrizulta ampjament li l-konvenuti nomine naqsu mill-obbligi taghhom ta' 'employers' li jipprovdu 'a safe place of work' and 'a safe system of work'. Il-'wires' mal-art u z-zejt imxerred mal-art, specjalment f'ambjent fejn hemm makkinarju perikoluz bhala dak li korra bih l-attur, certament ma jikkostitwux 'a safe place of work'. Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti nomine li l-attur ikkontribwixxa ghall-incident billi ghadda minn wara l-magna minflok mill-passagg liberu, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal- Qorti tal-Kummerc tad-9 ta' Settembru, 1981, fl-ismijiet 'Borg vs Wells et nomine' fejn intqal: "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in work involved in their daily work, u dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Illi l-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem u f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet 'John Sultana vs Francis Spiteri et noe' (Qorti*

*tal-Kummerc 28.5.79); 'Emmanuel Grech vs Carmelo ssive Charles Farrugia et noe' (Qorti ta' l-Appell 7 ta' Dicembru 1994) u 'Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine' (Pim'Awla12.2.99).*

*Illi fl-opinjoni tal-Qorti il-fatti kif esposti mill-attur u mix-xhieda minnu prodotti jindikaw li l-konvenuti nomine naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovdu kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiem. Huma kellhom jipprovdu sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema intiza sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern. Kien id-dmir taghhom li jassikuraw li ma jkunx hemm 'wires' u zejt mal-art."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc naqset milli tipprovdi ghas-sikurezza ta' Alfred Zerafa ghaliex fl-ewwel lok, ghalkemm id-*decujus* kien mitlub li jahdem f'certu gholi, ma jirrizultax li gie pprovdut *b'safety rope* jew xi forma simili ta' rbit u anqas ma jirrizulta li gie ordnat jiehu tali prekawzjoni. Fit-tieni lok, jirrizulta wkoll li fl-ambjent li fih kien qed jahdem Alfred Zerafa kien hemm irqajja taz-zejt li jkomplu jzidu mal-periklu u r-riskju li wiehed jizloq u jaqa' mill-gholi. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mix-xhieda moghtija jirrizulta illi Alfred Zerafa zelaq b'rizultat ta' l-irqajja taz-zejt li kien *hemm fuq il-*containers*.* Fit-tielet lok, mix-xhieda moghtija jirrizulta wkoll li ma saret l-ebda spezzjoni da parte tas-socjeta' konvenuta sabiex jigi zgurat li m'hemm l-ebda periklu qabel ma nbeda x-xoghol minn Alfred Zerafa u l-*port workers* l-ohra li kienu fil-grupp mieghu dakinhar ta' l-incident. Fir-raba' lok, ghalkemm is-socjeta' konvenuta pprovdiet helmet lil Alfred Zerafa, ma jirrizultax li ttiehdu l-mizuri necessarji sabiex jigi assikurat li dan fil-fatt jintlibes, ghalkemm jirrizulta li minn-naha tieghu, Alfred Zerafa naqas milli jilbes il-helmet. Ghaldaqstant, in vista tal-premess u tal-principji legali fuq espeosti jirrizulta li r-responsabbilita' ghall-incident mertu tal-kawza hija fil-fatt tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc fi grad ta' erba kwinti (4/5) u fuq Alfred Zerafa fi grad ta' kwint (1/5).

Illi din fil-fatt hija l-konkluzzjoni tal-Perit Legali u din il-Qorti qed tabbracja u ssostniha minkejja dak li inghad dwar ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha datata 11 ta' Lulju 2011 fejn qed isostni li ma huwiex possibbli li d-*decujus* jintrabat jew ikollu safety rope u wkoll li huwa setgha induna bl-irqajja taz-zejt li jkun hemm u allura ha l-prewkawzjonijiet necessarji. Izda f'dan l-aspett din il-Qorti thoss li r-responsabita' xorta tibqa' tas-socjeta' konvenuta ghaliex certament li kellha tipprovdi jekk mhux safety rope xi forma ohra ta' apparat jew protezzjoni lit kun tista' tevita' li persuna taqa' minn dak l-gholi; dwar il-kwistjoni taz-zejt li kien hemm hija wkoll responsabilita' tas-socjeta' konvenuta li tipprovdi *"a safe place of work"* u ma jirrizultax li f'dan il-kaz sar, ghaliex ma ittiehdu l-ebda mezzi ta' prevenzjoni jew sigurezza da parte tas-socjeta' konvenuta, u dan inkluz ingagg almenu meta sar l-incident in kwistjoni ta' safety officers, u lanqas ma gie spezzjonat l-istess lant qabel ma' beda u waqt li jkun qed isir ix-xoghol mill-persuna li kienet il-vittma tal-incident u allura f'dan il-kuntest dak li hemm fil-paragrafu 6 tan-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fuq dan il-punt qed jigi respint, ghaliex is-socjeta' konvenuta tibqa' responsabbli sabiex tipprovdi post sigur fejn issir ix-xoghol, kemm qabel u waqt li jkun qed issir l-istess xoghol, u trid ikollha l-apparat jew l-adetti necessarji sabiex jigu eliminati perikoli li haddiem jew persuna li qed tahdem fl-ambjent tal-kumpanija stess jista' jiltaqa' maghhom; f'dan il-kaz ma kienx hemm, u anke jekk tigi kkunsidrata l-ipotesi mressqa mis-socjeta' konvenuta li z-zejt setgha illikja mit-terminal equipment, anke hawn l-istess socjeta' kellha tara li dan ma jsehhx fil-hin meta hemm persuni li jistghu jweggaw b'din l-okkorenza, u dan apparti l-argument li l-istess socjeta' kellha tara li tali apparat ma jwaqqax jew minnu ma johrogx zejt, tenut kont li ma hijiex haga jew prattika accettabbli li jkollok apparat li jaghmel jew inixxi z-zejt, li fuq kontejner jaghmel l-istess zejt perikoluz. Hija inutili wkoll is-sottomissjoni li tali zejt kellhu jitnehha mill-ekwipagg tal-vapur, ghaliex fil-mument tal-incident l-istess kontejners kienu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Illi dwar il-provista ta' *safety equipment* jinghad li huwa obbligu tas-socjeta' konvenuta li tipprovdi s-*safety equipment* inkluz lbiex prottetiv kollhu u mhux parti minnu biss, u f'dan il-kaz ma gie provdut lid-*decujus* l-ebda apparat ta' irbit prottettiv u minn dak kollu li rrizulta f'din il-kawza jirrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel xi forma ta' *risk assessment* jew *evaluation* tas-sitwazzjoni li fiha jkunu qed jahdmu l-persuni, bhad-*decujus*, fuq il-lant taghha. Kull min ihaddem ghandu jaghmel dan l-ezercizzju billi jottempera ruhu mad-dmirjiet generali ta' min ihaddem, u ghalhek, f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u prottetivi. Dan jinkludi li jigi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xoghol billi tinghata informazzjoni u tahrig mehtieg skond il-ligi, li jara li jigi provdut post sigur fejn issir ix-xoghol, li tinghata l-ghodda adegwata u l-lbies kollu prottettiv necessarju, u wkoll li tali ghodda hekk adattata tigi uzata u lbies attwalment uzat b'dan li anke kieku jinghata l-lbies u l-apparat prottetiv kollhu (li mhux il-kaz odjern), xorta wahda l-istess principal ghandhu jara li tali lbiex apparat jigi effettivament uzat, b'mod li jkun hemm dejjem supervizzjoni necessarja fuq il-lant tax-xoghol u f'dan il-kaz fejn sar l-incident u dan huma skond l-istandard uzat ta' responsabilita' qua *bonus pater familias* li timponi obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi lill-impjegati, addetti jew persuni ohra mqabbda minnu jew awtorizzati minnu biex jahdmu fuq il-lant tax-xoghol minnha provdut *"a safe system of work"* li tipprovdi ghall-harsien tas-sahha tal-haddiem u ghall inkolumita' ta' min ikun fuq il-lant tax-xoghol b'mod li jigi provdut ambjent sigur jew "safe" u makkinarju u apparat sikur u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **"Emanuel Degiorgio vs Ivan Falzon nomine"** (P.A. – 14 ta' Ottubru 2004); **"Anthony D'Anastasi vs Korporazzjoni Enemalta"** (P.A. – 28 ta' Gunju 2005); **"Victor Cassar et vs HSBC Bank Malta plc"** (P.A. (LFS) – 3 ta' Marzu 2009) fejn appuntu inghad li:-

*"huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-*

*post tax-xoghol. Dan huwa principju generali li jitfa' obbligu fuq min ihaddem, mhux biss f'kaz ta' fabbriki, magni jew oggetti ohra innominati, izda biex jipprotegi lill-haddiema anke minn att ta' terzi, bhal per ezempju azzjoni ta' haddiem iehor jew terza persuna. Il-post tax-xoghol ghandu jkun hiels minn kull perikolu ghas-sahha u sigurta' sa fejn ragonevolment prattiku. Ghandu jkun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika ta' l-impjegati".*

Illi fis-sentenza **"Joseph Cini vs George Wells et nomine"** (P.A. (NA) – 29 ta' Mejju 2001) inghad li *"min ihaddem ghandu obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu".*

Illi ssir riferenza wkoll ghas-sentenza **"Grezzju Scicluna et vs C. Cini & Sons Limited"** (P.A. – 27 ta' Gunju 2006) fejn gie dikjarat li *"min ihaddem ghandu jipprovdi 'a safe system of work' u fl-ippjanar tas-sistema tax-xoghol is-sid irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-haddiema ghandhom tendenza li jinjoraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom u hu jrid jipprovdi ghal din it-traskuragini li huma inerenti fil-haddiem".*

Illi fl-ahharnett il-fatt li hawn l-istess *decujus* gie attribwit b'parti mir-responsabbilta' tal-incident (li fl-opinjoni ta' din il-Qorti tibqa' wahda minima hdejn ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta), dan certament ma jfissirx li l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi ezentata mir-responsabilitajiet taghha **("Il-Pulizija vs John Magro et"** A.K. – 11 ta' Dicembru 2008) u dan jghodd anke fl-ambitu ta' kawza u responsabbilta' civili.

Illi dwar il-punt imqajjem mis-socjeta' konvenuta li la darba Albert Zerafa kien *self employed* u kien jigi assenjat xoghol mill-*Port workers* Scheme mela allura l-istess socjeta' konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-incident ghaliex id-*decujus* ma kienx impjegat taghha, jinghad li din is-sottomissjoni ma treggix ghaliex la darba l-istess persuna kienet qed taghti servizz lis-socjeta'

konvenuta, u dan anke fuq il-lant tax-xoghol provdut mill-istess socjeta', mela allura hija kienet obbligata li tipprovdi ghall-istess persuna li qed trendi tali servizz lilha sistema adegwata u sigura ta' xoghol, inkluz sistema ta' supervizjoni u sorvejlanza adegwata tax-xoghol u fil-gurisprudenza nostrali insibu li s-socjeta' konvenuta stess fir-relazzjoni taghha ma' *port workers* jew haddiema tax-xatt ghandha l-istess responsabilita' hawn indikati bhal dak li hija ghandha ghall-haddiema taghha tant li hekk gie trattat fil-kazijiet citati mill-atturi fosthom **"Graham Slack et vs Elektra Limited"** (P.A. (RCP) - 20 ta' Frar 2003); **"John Mary Garnisi vs Freeport Terminal (Malta) Ltd"** (P.A. (GCD) – 12 ta' Ottubru 2004); **"Renato Spiteri vs Malta Freeports Terminals Limited et"** (P.A. (GV) – 5 ta' Ottubru 2007) u wkoll **"Benjamin Sammut vs Meli Bugeja & Co. Limited"** (P.A. (GCD) – 10 ta' Lulju 2006) fejn inghad li:-

*"ir-responsibilita' ghall-incident fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu dmir li jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew ghall-anqas inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent".*

Illi dan huwa iktar minn bizzejjed sabiex jinghad u jigi ritenut, kif fil-fatt qed jigi b'din id-decizjoni wkoll, li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghal dan l-incident fil-grad u ghar-ragunijiet hawn esposti u dan apparti l-fatt li Albert Zerafa kien qed jaghti servizz lis-socjeta' konvenuta u bhala tali jaqa' taht id-definizzjoni ta' haddiem skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2 (1) tal-Kap. 424** li jiddefinixxi haddiem bhala *"kull persuna impjegata minn min ihaddem biex taghmel xoghol, jew tipprovdi servizz lil persuna ohra that kuntratt ta' servizz jew ghal servizz, u tinkludi student, apprendist, u persuna li timpjega lilha nnfisha….."*; skont l-istess ligi min ihaddem huwa deskritt bhala *"persuna li ghaliha jsir ix-xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex*

*jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizz".* F'dan il-kuntest allura r-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta qed tigi kkonfermat skond il-grad indikat f'din is-sentenza u fir-rapport peritali.

Illi dwar likwidazzjoni tad-danni jirrizulta li l-atturi ma ressqu l-ebda prova relattivament ghad-danni minnhom effettivament sofferti (damnum emergens) u anqas ma ressqu provi dwar il-qligh tal-mejjet Alfred Zerafa ghall-finijiet ta' lucrum cessans.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et noe"** (A.C. – 4 ta' Dicembru 1998), intqal li:-

*"Ir-raba' kritika tal-konvenuti tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Perit. Specifikatament gie rrimarkat illi la darba l-attur ma ghamilx il-prova ta' kemm jaqla' flus mill-impieg tieghu u lanqas ta' l-eta' tieghu, l-perit legali ma kienx awtorizzat jassumi li kien jaqla Lm4,000 fis-sena u li kellu l-eta' ta' 41 sena. Fil-fehma tal-Qorti, anke din il-kritika ma tistax tintlaqa' billi huwa gust li min ikollu dover li jiddecidi jipprova jsalva dak li hu salvabbli sakemm b'daqshekk ma ssirx xi ingustizzja lill-parti l-ohra. F'dan il-kaz il-Perit Legali ma ghamel xejn hazin li ghamel uzu minn fatti li huma komunement rinomati bhal ma huma l-paga ta' certu haddiema fit-Tarzna u li l-eta' tista' tohrogha mill-ahhar zewg numri tal-Karta ta' l-Identita' ta' dak li jkun ...*

*Il-fatt ta' kemm jaqla flus mill-impieg tieghu l-attur u l-fatt ta' l-eta' tieghu, certament m'humiex fatti li fuqhom kien hemm jew ghandu jkun hemm xi disgwid, u jekk dak li assuma l-Perit Legali ma kienx korrett allura l-konvenuti setghu facilment jindikaw il-figuri korretti, jekk mhux lill-Perit stess, certament lil din il-Qorti, wara li nhalef ir-rapport u l-Qorti kienet tara li jsiru l-aggustamenti necessarji."*

Illi jirrizulta li li Alfred Zerafa (I.D. 58045M) miet fit-2 ta' Ottubru 1998 fl-eta' ta' 53 sena u kien ilu hamsa u ghoxrin sena jahdem ix-xatt. Fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tat-tariffi tad-drittijiet li jithallsu lill-haddiema tal-port

**(Regolamenti Dwar il-Haddiema tal-Port – Legislazzzjoni Sussidjarja 171.02)** u in vista tas-sentenza hawn fuq citata, il-Qorti bhal perit legali qed tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex fil-kalkulazzjoni segwenti tapplika s-somma ta' €25,000 bhala qliegh annwali tal-mejjet Alfred Zerafa.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited"** (P.A. (TM) – 9 ta' Ottubru 2003) inghad li:-

*"Ghar-rigward tal-multiplier, il-mod ta' likwidazzjoni tad-danni adoperati sallum mill-Qrati taghna kienet dik stabbilita' fil-kawza "Butler vs Heard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ic-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sal-eta' tal-pensjoni.*

*Il-figura adoperata bhala l-multiplier kienet tigi mizmuma moderata u bhala regola, il-Qrati ma kienux juzaw multiplier ghola minn 20. Hekk, per ezempju, fil-kawza "Butler vs Heard" stess il-multiplier adoperat kien ta' 15-il sena ghal tappezzar ta' 22 sena u fil-kawza "Dalmas vs Ghigo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Frar, 1980, gie adoperat multiplier ta' 20 ghal persuna ta' 33 sena. Fil-kawza "Gauci vs Xuereb" deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1970, gie adoperat multiplier, ta' 15 ghal persuna li kellha 24 sena fid-data tal-incident, u fil-kawza "Camilleri vs Polidano" deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1982, gie uzat multiplier ta' 18 ghal wiehed li kellu 28 sena. Il-preokkupazzjoni tal-Qrati kienet riflessa b'mod car mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Lambert vs Buttigieg" deciza fit-18 ta' April, 1963, fejn gie osservat li*

*"f'din il-materja ta' "lucrum cessans" il-Qorti ghandha tipprocedi f'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilita' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat".*

Illi fuq il-bazi ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Kevin Zammit vs Maltapost plc"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2011) jinghad li skond il-gurisprudenza prevalenti il-*multiplier* uzat ma jiehux in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha (**"John Ransley vs Edward Restall et"** – P.A. (LFS) 10 ta' Mejju 2005); izda li jittiehed kont tal-eta' u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehdu numru ta' snin u f'dan il-kaz il-*multiplier* huwa normalment anqas mill-aspettativa tal-hajja lavorattiva **("Annunziata Caruana vs Odette Camilleri"** A.C. - 27 ta' Frar 2004) u hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Diane Chircop vs Angelo Cassar"** (P.A. (LFS) – 15 ta' Gunju 2009), fejn gie indikata skeda ta' *multipliers* skond l-eta` tal-vittma, u dan bil-ghan illi jkun hemm certu uniformita` f'kazijiet simili. Skond din l-istess skeda, ghal persuna illi jkollha bejn 51 u 55 sena fiz-zmien illi ssoffri d-dannu, ghandu japplika *multiplier* massimu ta' 11-il sena. Dan huwa konformi ma' l-gran parti tal-gurisprudenza stabbilita, tenut kont l-eta` pensjonabbli u l-kontingenzi tal-hajja u ghalhekk qed jigi applikat *multiplier* ta' hames (5) snin imsemmi mill-Perit Legali u f'dan aspett din il-Qorti qed tiehu konsiderazzjoni tal-fatt li l-ebda wahda mill-partijiet ma' oggezzjonat ghall dan l-*multiplier* adoperat mill-Perit Legali tant li jista jinghad allura li jirrizulta li fil-kaz odjern l-ebda wahda mill-partijiet ma ikkontestat dan.

In oltre, huwa pacifiku illi f'kaz ta' mewt il-persentagg ta' dizabilita' li ghandu jigu applikat huwa ta' mija fil-mija (100%).

Illi ghalhekk: €25,000 x 8 x 100% = €200,000

Illi fil-kawzi fl-ismijiet **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u sussegwentment **"Mario Mizzi vs Paul Genovese et"** (A.C. – 3 ta' Marzu 2006), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kkonfermat li l-grad ta' dipendenza ta' l-eredi fuq il-mejjet ghandu wkoll jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni u fic-cirkostanzi odjerni din il-Qorti thoss li l-esponenti huwa tal-fehma li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis f'dan ir-rigward in kwantu fil-mument tal-mewt l-atturi kienu jiddependu fuq l-imsemmi Alfred Zerafa.

Illi fl-istess kawzi imsemmija u cioe' **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) u sussegwentment **"Mario Mizzi vs Paul Genovese et"** (A.C. – 3 ta' Marzu 2006), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kkonfermat ukoll li ghandu jsir tnaqqis ghal konsum misthajjel jew personal consumption u cioe' dak li l-vittma kien jikkonsuma jew jonfoq mill-kapital likwidat. Fic-cirkostanzi tal-kaz, fil-fehma ta' l-Qorti ghandu jkun hemm tnaqqis f'dan ir-rigward ta' ghoxrin fil-mija (20%) u ghalhekk l-ammont likwidat issa hu ta' €100,000.
Illi dwar li ser issir *lump sum payment* issir referenza ghall dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Maria Dolores Celeste vs Nicola Anne De Bono"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2008) fejn inghad li *"ghall dak li huwa maghruf bhala lump sum payment hemm is-sentenza **"Maria Debono vs Andrew Vaswani"** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li:-*

*"Kif gja gie manifest supra hi gurisprudenza pacifika ("**Joseph Abela –vs- Martin Spagnol**", Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Marzu 1993, fost bosta ohrajn) li ghandu jsir tnaqqis mill-percentagg (20%) biex jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji. Dan huwa motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat l-hlas ta' imghax mid-data li giet ikkagunta l-hsara (Vide **"Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri",** Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1993). Fuq l-istregwa ta' din id-decizjoni il-persentagg ta' 20% ghall lump sum payment beda jigi ridott b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakemm tigi finalment deciza l-kawza".* (Ara wkoll

**"Concetta Brooks vs Emanuela Sare'** (P.A. – 12 ta' Gunju 1956 – Vol. XL.ii.31).

Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew tlettax il-sena minn meta sehh l-incident u b'riferenza ghas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) u allura ma ghandhu jsir ebda tnaqqis ulterjuri f'dan ir-rigward in kwantu l-incident sehh fis-26 ta' Settembru 1998, il-kawza odjerna giet istitwita fid-9 ta' Gunju 2004 u tinsab pendenti wara numru ta' snin.

Ghaldaqstant, l-ammont li ghandu jigi llikwidat favur l-atturi in linea ta' danni u li ghandu jithallas lilhom mis-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc in vista tar-responsabbilita' aktar 'il fuq attribwita' huwa ta' erba kwinti (4/5) ta' €100,000 u cioe' tmenin elf Ewro (€80,000).

Illi ghalhekk, mill-provi kollha prodotti jirrizulta li ghal dak li jirrigwarda c-citazzjoni attrici, qed tilqa' l-ewwel, ir-raba', l-hames u sitt eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern, izda tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta' Freeport Terminal (Malta) plc b'dan illi ssib lis-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc responsabbli fi grad ta' erba' kwinti (4/5) ghall-incident li sehh nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 1998 li kawza tieghu tilef hajtu Alfred Zerafa u tordna lis-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc thallas lill-atturi l-ammont ta' tmenin elf Ewro (€80,000) in linea ta' danni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel, ir-raba', l-hames u

sitt eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tabib Principali tal-Gvern u d-Direttur tas-Sahha, u b'hekk tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc li baqghu mhux decizi wara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Mejju 2005, u konsegwentement **tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta' Freeport Terminal (Malta) plc biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-incident fuq deskritt li sehh fis-26 ta' Settembru 1998 u l-konsegwenti mewt ta' Alfred Zerafa, sehhet b'tort u htija, b'negligenza, traskuragni u imperizja wkoll da parte tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc u ghalhekk l-istess socjeta' Freeport Terminal (Malta) plc qed tigi ddikjarata responsabbli fi grad ta' erba' kwinti (4/5) ghall-istess incident.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi kawza tal-incident fuq imsemmi li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc fl-ammont ta' tmenin elf Ewro (€80,000) in linea ta' danni.

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc thallas lill-atturi l-ammont ta' tmenin elf Ewro (€80,000) in linea ta' danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kwantu ghal dawk tat-Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur tas-Sahha a karigu tal-atturi, u mill-bqija a karigu tas-socjeta' Freeport Terminal (Malta) plc u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta' Freeport Terminal (Malta) plc.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------